

**Paġna ewlenija>Drittijietek>Imputati (proċeduri kriminali)**

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [el](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

**il-Grieg****Imputati (proċeduri kriminali)**

Greċja

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew tiġi akkużata b'delitt li jiġi ttrattat permezz ta' proċess quddiem qorti.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanil-Ingliżil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-Ungerizil-Olandiżil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżil-Isvediż

**Sommarju tal-proċedura kriminali****L-investigazzjoni/il-bidu tal-proċeduri**

Din il-parti tal-proċedura tibda bil-Prosekutor li jiġi nnotifikat li probabbilment twestaq delitt. Hija tkompli billi jinbdeu il-proċeduri kriminali u tintemm billi l-konvenut jew jitressaq quddiem qorti ħalli jgħaddi minn proċess jew billi jiġi rtirat kwalunkwe kap ta' akkuża fil-konfront tiegħu.

Din il-fażi għandha l-għanijiet li tħall kemm jista' jkun il-kobba mħabbla tal-każ u li jiġi ddeterminat jekk hemmx indikazzjonijiet qawwija li l-imputat wettaq id-delitt sabiex jiġi deċiż jekk jitressaqx jew le għal proċess quddiem il-qorti kompetenti.

**Is-smiġħ fil-qorti**

F'din il-fażi, il-kawża tinstema' quddiem il-qorti sakemm jintlaħaq u jingħata verdet.

**Ir-rimedji**

Dan jirreferi għall-mezzi pprovduti bil-liġi lil persuna biex din tkun tista' timpunja d-deċiżjoni ta' qorti kriminali.

Dawn il-mezzi huma:

appell, li għandu l-għan li jemenda jew jannulla d-deċiżjoni li qed tiġi impunjata fuq il-bażi tal-fatti jew fuq il-bażi ta' punti ta' liġi.

proċess ġdid tal-każ quddiem qorti kriminali, u revoka tas-sentenza sabiex id-deċiżjoni li qed tiġi impunjata tiġi annullata b'mod parzjali jew sħiħ minħabba raġunijiet legali.

Tista' ssib dettalji dwar dawn il-fażijiet kollha fil-proċedura u dwar id-drittijiet tiegħek fl-iskedi informattivi. Din l-informazzjoni ma tissostitwix parir legali u hija maħsuba biss sabiex tagħti gwida ġenerali.

Għal informazzjoni dwar reati tat-traffiku fit-triq, li ġeneralment min iwettaqhom jeħel piena fissa bħal multa, ara l-[Iskeda Informattiva 5](#).

Jekk inti sfajt vittima ta' delitt, tista' ssib informazzjoni sħiħa dwar id-drittijiet tiegħek [hawnhekk](#).

**Ir-rwol tal-Kummissjoni Ewropea**

Jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda rwol fil-proċeduri ta' prosekuzzjonijiet kriminali li jiġu adottati fl-Istati Membri differenti u ma tistax tassistik jekk ikollok ilment. F'dawn l-iskedi informattivi tista' ssib informazzjoni dwar kif tressaq ilment u lil min.

**Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt biex issib l-informazzjoni li teħtieġ****1 – Kif tikseb parir legali****2 – Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt u qabel mal-każ jitressaq quddiem il-qorti**

L-eżami preliminari/inkjesta/investigazzjoni kriminali.

L-arrest/it-termini restrittivi/l-arrest preventiv

Il-proċeduri quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża

Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA

**3 – Id-drittijiet tiegħi fil-qorti****4 – Id-drittijiet tiegħi wara li l-qorti tiegħi d-deċiżjoni tagħha****5 – Il-ksur tar-regoli tat-traffiku u reati minuri oħrajn**

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**1 - Kif tikseb parir legali**

Huwa ferm importanti li tikseb parir legali indipendenti meta b'xi mod tkun involut fi proċedura kriminali. L-iskedi informattivi jgħidulek meta u f'liema ċirkustanzi inti jkollok id-dritt li tkun irrappreżentat minn avukat. Huma jgħidulek ukoll dak li l-avukat se jagħmel għalik. Din l-iskeda informattiva ġenerali tgħidlek kif issib avukat u kif jiħallsu d-drittijiet tal-avukat jekk inti ma jkollokx il-possibbiltà li tħallas.

**Kif issib avukat**

Jekk inti teħtieġ avukat u ma intx qed tinżamm taħt arrest preventiv tista' tikkuntattja lill-[Assoċjazzjoni tal-Avukati ta' Aten](#) jew lill-[Assoċjazzjoni tal-Avukati tar-reġjun fejn għandu jsir il-proċess tiegħek quddiem il-qorti kriminali](#) (eż. l-[Assoċjazzjoni tal-Avukati ta' Tessaloniki](#), l-[Assoċjazzjoni tal-Avukati ta' Pireaus](#), l-[Assoċjazzjoni tal-Avukati ta' Heraklion](#), eċċ.).

Jekk inti teħtieġ avukat u qed tinżamm taħt arrest preventiv, inti tista' titlob lill-pulizija jew lill-awtoritajiet tal-ħabs sabiex jgħinuk issib avukat jew jirreferuk lill-[Assoċjazzjonijiet tal-Avukati msemija iktar 'il fuq](#).

**Kif jiħallas l-avukat**

Inti tista' tirċievi għajjnuna legali mingħajr h̄las jekk l-introjtu tiegħek ikun baxx. L-għajjnuna legali mingħajr h̄las tikkonsisti fil-h̄atra ta' avukat biex jirrappreżentak. Il-h̄atra tapplika sakemm jintemm il-proċess quddiem il-qorti kriminali jew sakemm tintemm il-proċedura quddiem qrati tal-istess livell, kif ukoll kwalunkwe appell kontra d-deċiżjoni.

Avukat jista' jinthatar:

waqt l-abbozzar u l-preżentata tal-att ta' akkuża fil-każ ta' ċerti reati ddefiniti speċifikament,

waqt il-fażi tal-investigazzjoni kriminali u s-smiġh tal-kawża meta d-delitt inkwistjoni jkun delitt gravi (*felony*),

waqt is-smiġh tal-kawża, għal delitti minuri (*misdemeanours*) li jinstemgħu minn Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanours Court*) bi tliet membri li jingħataw sentenza minima ta' sitt xhur priġunerija,

sabiex tressaq appell u sabiex jirrappreżentak waqt is-smiġh tal-appell quddiem il-qorti tat-tieni istanza, meta tkun ingħatajt sentenza ta' mill-inqas sitt xhur priġunerija mill-qorti tal-prim'istanza,

sabiex tressaq appell fuq punt tal-liġi meta tkun ingħatajt sentenza ta' mill-inqas sena priġunerija,

sabiex tressaq talba għal proċess mill-ġdid meta tkun ingħatajt sentenza ta' mill-inqas sitt xhur priġunerija.

Inti għandek id-dritt għal għajjnuna legali mingħajr h̄las anki jekk l-introjtu tiegħek mh̄wiex eċċessivament baxx, sakemm inti tista' tipprova li ma tistax tħallas l-ispejjeż legali minħabba d-differenzi li hemm bejn l-għoli tal-h̄ajja tal-Istat Membru fejn għandek ir-residenza permanenti tiegħek u dak tal-Greċja.

Sabiex tirċievi għajjnuna legali mingħajr h̄las u jinthatar avukat f'ismek, jeħtieġ li inti tressaq talba quddiem il-Qorti li għandha tisma' l-kawża tiegħek jew quddiem il-Qorti fejn għandu jinstema' l-appell tiegħek jew fejn għandha tinstema' t-talba tiegħek għal kawża mill-ġdid quddiem il-qorti kriminali.

Din it-talba trid titressaq 15-il jum qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali jew qabel l-azzjoni li fir-rigward tagħha qed titlob l-għajjnuna legali. It-talba trid tinkludi deskrizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-proċess quddiem il-qorti kriminali jew tal-azzjoni kif ukoll il-provi tal-eliġibbiltà tiegħek għal għajjnuna legali mingħajr h̄las u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa rigward l-istatus finanzjarju tiegħek (ara, f'iktar dettall, il-Liġi 3226/4-2-2004, Il-Gazzetta tal-Gvern A' 24 /2004).

#### Links relatati

[Lista tal-Assoċjazzjonijiet tal-Avukati](#)

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## 2 - Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni ta' delitt u qabel ma' l-każ jitressaq quddiem il-qorti

### X'inhu l-iskop ta' investigazzjoni?

L-iskop huwa li jinġabru u jiġu ppreservati l-provi u li tinkiseb kwalunkwe traċċa li tħalliet fuq il-post tad-delitt.

### X'inhuma l-fażijiet ta' investigazzjoni?

#### L-eżami preliminari/inkjesta/investigazzjoni kriminali:

Permezz ta' eżami preliminari, il-Prosekutur jistabbilixxi jekk akkuża tkunx fondata u x'inhi l-probabbiltà li ttwettaq delitt.

L-inkjesta ssir prinċipalment f'każijiet fejn il-persuna suspettata nqabdet hekk kif kienet qed ttwettaq ir-reat jew fil-każ li dewmien jagħti lok għal riskju immedjat.

L-investigazzjoni kriminali titwettaq biss fil-każ ta' delitti iktar serji

L-arrest – Ir-restrizzjonijiet – L-arrest preventiv

Meta l-persuna suspettata tkun ġiet skoperta hekk kif kienet qed ttwettaq id-delitt jew ġiet arrestata sa jum wara li ttwettaq id-delitt, huwa possibbli li hija tiġi arrestata mingħajr mandat.

Fejn il-persuna suspettata ma nqabditx hekk kif kienet qed ttwettaq id-delitt, ikun meħtieġ mandat.

Il-persuna arrestata titressaq quddiem il-Prosekutur fi żmien 24 siegħa.

Ir-restrizzjonijiet (pereżempju il-garanzija, l-obbligu tal-konvenut li jirrapporta f'għassa tal-pulizija b'mod regolari, il-projbizzjoni li l-imputat iħalli l-pajjiż) jiġu imposti sabiex jiġi evitat li jitwettqu iktar reati u jiġi żgurat li l-imputat jattendi għall-interrogazzjoni tal-pulizija u fil-Qorti.

L-arrest preventiv: Jekk ir-restrizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq ma jkunux suffiċjenti, f'każijiet ta' delitti iktar serji, il-persuni suspettati jistgħu jinżammu taħt arrest preventiv. Arrest preventiv bħal dan jista' jidur sa 18-il xahar fir-rigward ta' delitti gravi (*felonies*) jew 12-il xahar fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*) inqas serji u sitt xhur fil-każ ta' omiċidju involontarju rikorrenti li kien ir-riżultat ta' negliġenza. Dan il-perjodu jiġi skontat fil-h̄abs.

#### Il-proċeduri quddiem id-Diviżjonijiet tal-Akkuża

Inti tista' tirrikorri quddiemhom sabiex tara li r-restrizzjonijiet jew l-arrest preventiv jiġu annullati, jew sabiex tilmenta dwar kwalunkwe irregolarità li kien hemm waqt il-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali.

#### Min għandu r-responsabbiltà biex titwettaq kull waħda minn dawn il-fażijiet?

L-eżami preliminari jitwettaq mill-uffiċjali investigattivi u mill-Prosekutur.

L-inkjesta titwettaq mill-persuni msemmija iktar 'il fuq inkluż il-Maġistrat Inkwirenti u fl-aħħar nett, l-investigazzjoni kriminali jew l-interrogazzjoni titwettaq biss mill-Maġistrat Inkwirenti.

Arrest jiġi ordnat mid-Diviżjoni tal-Akkuża jew mill-Maġistrat Inkwirenti. F'każijiet fejn il-persuna ssuspettata tinqabad waqt li qed ttwettaq id-delitt, l-investigaturi u l-uffiċjali tal-pulizija kkonċernati għandhom obbligu, u ċ-ċittadini kollha għandhom id-dritt, li jarrestaw lill-awtur. Ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà personali u l-arrest preventiv jiġu ordnati mill-Maġistrat Inkwirenti bil-kunsens tal-Prosekutur u tad-Diviżjoni tal-Akkuża.

Il-proċeduri quddiem id-Diviżjonijiet tal-Akkuża jitwettqu minn kunsilli ġudizzjarji bi tliet membri, fil-preżenza tal-Prosekutur.

#### Id-drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni

Iklikkja fuq il-links ta' hawn taħt biex issib informazzjoni iktar dettaljata dwar id-drittijiet tiegħek waqt l-investigazzjoni.

#### L-eżami preliminari/inkjesta/investigazzjoni kriminali

#### L-arrest/ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà/l-arrest preventiv

#### Il-proċedura quddiem id-Diviżjonijiet tal-Akkuża

#### Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA

#### L-eżami preliminari, l-inkjesta, l-investigazzjoni kriminali (1)

#### X'inhu l-iskop ta' dawn il-proċeduri?

L-iskop tal-eżami preliminari huwa biex il-Prosekutur jistabbilixxi jekk l-akkuża tkunx fondata u jiddeċiedi jekk jibdiex proċeduri kriminali.

L-inkjesta titwettaq f'każijiet fejn il-persuna ssuspettata tkun inqabdet fil-fatt jew fil-każ li dewmien jagħti lok għal riskju immedjat (pereżempju li l-marki tas-saqajn jew il-marki tas-swaba' jintilfu, eċċ.).

L-investigazzjoni kriminali titwettaq biss fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*) jew ta' delitti minuri (*misdemeanours*) prinċipali. L-inkjesta u l-investigazzjoni kriminali jsiru sabiex jiġu stabbiliti, jinġabru u jiġu ppreservati l-provi kif ukoll jinkisbu t-traċċi tad-delitt.

## Min huwa responsabbli f'din il-fażi?

L-eżami preliminari jitwettaq mill-uffiċjali investigattivi u mill-Prosekutur.

L-inkjesta titwettaq mill-persuni msemmija iktar 'il fuq, flimkien mal-Maġistrat Inkwirenti.

L-investigazzjoni kriminali titwettaq biss mill-Maġistrat Inkwirenti.

L-eżami preliminari u l-investigazzjoni preliminari jiġu superviżjonati mill-Prosekutur tal-Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanours Court*) u l-investigazzjoni kriminali tiġi superviżjonata mill-Prosekutur tal-Qorti tal-Appell.

## Japplika xi limitu ta' żmien?

L-eżami preliminari jdum minn 4sa 8 xhur. It-tul taż-żmien massimu għall-investigazzjoni kriminali huwa ta' 18-il xahar. Jekk titwettaq investigazzjoni supplimentari, din iddum minn 3 sa 5 xhur.

Fil-bliet prinċipali, dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jiġu estiżi. Ma hemm l-ebda sanzjoni għal nuqqas ta' konformità ma' dawn il-limiti ta' żmien.

Il-limitu ta' żmien biex jingħataw spjegazzjonijiet waqt l-eżami preliminari u ssir dikjarazzjoni waqt l-investigazzjoni preliminari u l-investigazzjoni huwa mill-inqas ta' 48 siegħa u jista' jiġi estiż.

Ma hemm l-ebda sanzjoni fil-każ li inti ma tosservax il-limitu ta' żmien fir-rigward tal-ewwel żewġ proċeduri. Madankollu, fil-każ ta' investigazzjoni kriminali jekk il-limitu ta' żmien iffissat ma jiġix osservat, il-Maġistrat Inkwirenti għandu d-dritt li joħroġ mandat sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti bil-forza u/jew mandat ta' arrest.

## X'se jingħad lili dwar dak li jkun għaddej?

Malli tirċievi ċitazzjoni biex tipparteċipa fil-proċeduri li ġew deskritti fil-qosor iktar 'il fuq, inti għandek id-dritt li:-

titlob fotokopja tad-dokumenti legali rilevanti kollha, li tħallas inti stess, mingħand l-uffiċjal investigattiv, inkluża deskrizzjoni tal-akkużi,

titlob li jiġi ffissat limitu ta' żmien ta' mill-inqas 48 siegħa, u

taħtar avukat.

## Jiġi pprovdut interpretu jekk jiena ma nitkellimx il-lingwa?

Iva. L-interpretu jittraduċi x-xhieda tiegħek lill-uffiċjali investigattivi kif ukoll il-mistoqsijiet tagħhom.

## F'liema fażi nkun nista' nitkellem ma' avukat?

Hekk kif tidher quddiem uffiċjal investigattiv, inti tista' titlob biex jiġi nnotifikat l-avukat tiegħek jew titħalla ċċempillu inti stess. Inti għandek ukoll id-dritt li tirrifjuta li tixhed qabel ma jasal l-avukat tiegħek.

L-awtoritajiet huma obbligati biss jiżguraw irwieħhom li jkun disponibbli interpretu waqt l-eżami tiegħek. Għall-bqija tal-ħin, trid tkun inti li tagħmel arranġamenti mal-avukat tiegħek jekk jeħtieġ li inti jkollok interpretu għad-dispożizzjoni tiegħek.

## Huwa obbligatorju li jiena niġi rrappreżentat minn avukat? Nista' nagħżel lill-avukat tiegħi?

Huwa mandatorju biss fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*). L-għażla ta' avukat titħalla f'idejk. Madankollu, jekk inti ma jkollokx avukat f'każ ta' delitt gravi (*felony*), il-Maġistrat Inkwirenti jaħtarlek wieħed waqt l-investigazzjoni.

## Nintalab nagħti informazzjoni? Għandi nipprovdut informazzjoni?

Jistgħu jsirulek mistoqsijiet dwar l-akkużi. Inti għandek id-dritt li ma tweghibx ċerti mistoqsijiet jew li tibqa' sieket il-ħin kollu u għandek ukoll id-dritt li ma tinkriminax lil innifsek. Inti tista' tirrifjuta li twieġeb dak kollu li jista' jagħmel ħsara lill-każ tiegħek.

## Nista' nikkuntatta lil membru tal-familja jew lil xi ħabib?

Inti għandek id-dritt li tikkomunika mal-familja jew mal-ħbieb tiegħek bit-telefon. Jingħata permess għal żjarat mill-membri tal-familja tiegħek u b'mod eċċezzjonali mill-ħbieb tiegħek.

## Nista' nara tabib jekk inkun neħtieġ wieħed?

Jekk ikollok problema ta' saħħa tista' titlob biex tara tabib.

## Nista' nikkuntatta lill-Ambaxxata tal-pajjiż tal-orijini tiegħi?

Iva, inti għandek id-dritt li tagħmel dan.

## Jiena minn pajjiż ieħor. Bilfors irrid inkun preżenti waqt l-investigazzjoni?

Le.

## Nista' nieħu sehem b'konnessjoni bil-vidjo?

Fil-Greċja, il-liġi ma tipprovdix għal parteċipazzjoni permezz ta' konnessjonijiet bil-vidjo.

## Nista' nintbagħat lura fil-pajjiż tal-orijini tiegħi?

F'din il-fażi, inti ma tistax tiġi ddeportat.

## F'liema ċirkustanzi nista' ninżamm taħt arrest preventiv jew niġi lliberat?

Inti tinżamm taħt arrest preventiv jekk ikun hemm indikazzjonijiet qawwija li inti wettaq reati serji **u**

ma għandek l-ebda indirizz magħruf fil-Greċja,

ħadt passi sabiex titlaq mill-pajjiż,

fl-imgħoddi kont maħrub mill-ġustizzja,

ġejt ikkundannat talli ħrab mill-ħabs jew talli tajt assistenza lil persuna miżmuma taħt arrest biex taħrab jew ksirt ir-restrizzjonijiet tal-post ta' residenza, kif ukoll jekk

hemm raġunijiet biex l-awtoritajiet jemmnu li biħsiebek taħrab,

kellek kundanni preċedenti, u dan probabbilment se twettaq iktar delitti.

Jistgħu jiġu imposti wkoll kundizzjonijiet restrittivi fil-konfront tiegħek jew tista' tiġi lliberat.

## Xi drittijiet/x'obbligi għandi?

Inti għandek id-dritt li tingħata żmien sabiex tistudja l-fajl tal-qorti u li taħtar sa żewġ avukati. Inti trid tidher personalment waqt l-investigazzjoni għaliex il-preżenza tal-avukat tiegħek biss mhix suffiċjenti.

Jekk il-Maġistrat Inkwirenti jiddeċiedi li inti trid tinżamm temporanjament taħt arrest preventiv inti tista' tressaq appell kontra din id-deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem quddiem id-Diviżjoni tal-Akkużi. Inti tista' tressaq appell anki quddiem il-Maġistrat Inkwirenti stess jew quddiem id-Diviżjoni tal-Akkużi sabiex id-deċiżjoni li tinżamm taħt arrest preventiv tiġi revokata jew tiġi sostitwita b'restrizzjonijiet oħrajn.

## Nista' nitlaq mill-pajjiż waqt l-investigazzjoni?

Iva, inti tista' titlaq mill-pajjiż jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda kundizzjoni li tipprojbik it-tluq.

## Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA

Għal iktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek, ara [Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA \(4\)](#).

## Nista' nappella?

Jekk ittieħdet azzjoni invalida bħala parti mill-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali inti tista' tressaq appell quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża fejn titlob li din tiġi annullata u li l-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali tiġi ripetuta.

### **Nista' niddikjara li jiena ħati tal-akkużi kollha jew ta' wħud minnhom qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Inti tista' tammetti l-ħtija tiegħek fi kwalunkwe fażi qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali. Inti tista' wkoll tirrevoka dikjarazzjoni ta' ħtija. Ikun xi jkun il-każ, il-qorti hija libera li tevalwa l-istqarrija tiegħek.

### **Il-kapi ta' akkuża jistgħu jinbidlu qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Il-kapi tal-akkuża ma jistgħux jinbidlu; jistgħu biss jiġu fformulati b'mod iktar preċiż. Ma jista' jiġi miżjud l-ebda kap ta' akkuża ġdid.

### **Nista' niġi akkużat b'reat li diġà ġejt akkużat bih fi Stat Membru ieħor?**

Inti tista' tiġi akkużat jekk ir-reat twettaq f'pajjiż barrani kontra ċittadin Grieg u jiġi kklassifikat bħala delitt gravi (*felony*) jew delitt minuri (*misdemeanours*) fil-liġi Griega. Fil-każ ta' delitti serji, il-liġijiet Griegi japplikaw għal kulħadd, irrispettivament mil-liġijiet fis-seħħ fil-post fejn twettaq id-delitt.

### **Inkun mgħarraf dwar ix-xhieda li għamlu dikjarazzjonijiet kontra tiegħi?**

Inti għandek id-dritt għal informazzjoni bħal din peress li inti tista' tingħata d-dokumenti kollha fil-fajl tal-qorti, li jinkludu d-dikjarazzjonijiet tax-xhieda. Inti tista' tingħata l-informazzjoni qabel ma tneġgi d-difiża tiegħek, u anki wara.

### **Ningħata informazzjoni dwar provi oħrajn kontra tiegħi?**

L-investigatur għandu l-obbligu li jipprovdik b'fotokopji tal-fajl tal-qorti u li jurik il-materjal kollu rilevanti qabel ma inti tagħti r-rendikont tiegħek.

### **Nintalab nagħti informazzjoni dwar il-kondotta tiegħi?**

Il-Maġistrat Inkwirenti jirċievi l-kondotta tiegħek fil-fażi tal-investigazzjoni kriminali b'mod awtomatiku.

### **L-arrest/ir-restrizzjonijiet imposti fuq il-libertà/l-arrest preventiv (2)**

#### **Għaliex jittieħdu dawn l-azzjonijiet?**

Meta min wettaq id-delitt inqabad hekk kif kien qed iwettaq delitt, l-arrest tiegħu għandu l-għan li jiżgura li huwa se jittressaq quddiem qorti. F'każijiet oħrajn ta' arrest, ta' arrest preventiv u ta' impożizzjoni ta' kundizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment, l-għan huwa li jiġi żgurat li l-konvenut jidher quddiem l-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji.

#### **Min huwa responsabbli?**

L-arrest jiġi ordnat jew mid-Diviżjoni tal-Akkuża jew mill-Maġistrat Inkwirenti. L-arrest preventiv u l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet restrittivi jiġu ordnati wkoll mill-istess persuni. Fejn l-awtur tad-delitt jinqabad hekk kif ikun qed iwettaq id-delitti, l-arrest jista' jtwettaq mill-investigaturi jew mill-uffiċjali tal-pulizija.

#### **Japplikaw xi limiti ta' żmien?**

Ladarba inti tiġi arrestat, trid titressaq quddiem il-Prosekutur fi żmien 24 siegħa. Fil-każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dan il-limitu ta' żmien ma jkun hemm l-ebda riperkussjoni sa fejn għandek x'taqsam inti. Hemm ukoll limitu ta' żmien fuq kwalunkwe kundizzjoni li permezz tagħha inti tkun trid tirrapporta f'intervalli regolari lill-pulizija. Fil-każ li inti ma tosservax dan il-limitu ta' żmien, l-arrest preventiv jista' jissostitwixxi l-kundizzjoni li inti tirrapporta lill-pulizija.

#### **X'se jingħad lili dwar dak li jkun għaddej?**

Meta tinqabad waqt li tkun qed twettaq delitt, malli tiġi arrestat, l-uffiċjali tal-pulizija jridu jgħidulek għaliex ġejt arrestat. Jekk inti titressaq quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, inti se tiġi informat b'mod sħiħ dwar il-kapi ta' akkuża li tkun qed tiffaċċja. L-istess japplika fil-każ li jiġu imposti kundizzjonijiet li jlimitaw il-libertà tiegħek u fil-każ li tinżamm taħt arrest preventiv.

Qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, suppost li inti tkun irċevejt id-dokumenti legali rilevanti kollha mingħand il-Maġistrat Inkwirenti.

#### **Jiġi pprovdut interpretu jekk jiena ma nitkellimx il-lingwa?**

Jekk inti ma titkellimx il-lingwa, inti tinfumahom mill-ewwel u għandek titlob interpretu. L-interpretu se jittraduċi dak kollu li tgħid, il-mistoqsijiet kollha li jsirulek u kwalunkwe dokument li jintwera lilek.

#### **F'liema fażi nkun nista' nitkellim ma' avukat?**

Jekk tiġi arrestat, inti tista' titlob li l-avukat tiegħek jiġi nnotifikat immedjatament jew li tinti tiffaċċja tagħmel telefonata. Barra minn hekk, inti għandek id-dritt li tirrifjuta li twieġeb il-mistoqsijiet jekk l-avukat tiegħek ma jiġix.

Jekk ma taf bl-ebda avukat, inti tista' tikkuntattja lill-ambaxxata tiegħek jew lill-assoċjazzjoni tal-avukati lokali. Li jkollok interpretu disponibbli sabiex tkun tista' tikkomunika mal-avukat tiegħek hija kwistjoni li trid tiegħu ħsiebha inti, mhux l-awtoritajiet investigattivi. F'każ li jiġu imposti kundizzjonijiet li jirrestrinġu l-movimenti tiegħek jew f'każ li tinżamm taħt arrest preventiv, l-ewwel kellem lill-avukat tiegħek. Huwa jagħmel dikjarazzjonijiet f'ismek u jkun preżenti waqt l-investigazzjoni kriminali.

#### **Bilfors irrid niġi rappreżentat minn avukat? Nista' nagħżel lill-avukat tiegħi?**

Dan huwa mandatorju biss fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*). Inti għandek id-dritt li nagħżel lill-avukat tiegħek. Madankollu, fil-każ ta' delitti gravi (*felony*), jekk inti ma jkollokx avukat, jinħatar wieħed għalik waqt l-investigazzjoni, fuq talba tiegħek.

#### **Tista' ssiri xi xorta ta' talba għal informazzjoni? Obbligat nagħti l-informazzjoni li nintalab nipprovdli?**

Se jsirulek mistoqsijiet dwar l-akkużi. Inti tista' tirrifjuta li twieġeb dak kollu li jista' jagħmel ħsara lill-każ tiegħek.

#### **Nista' nikkuntattja lil membru tal-familja jew lil xi ħabib?**

Inti għandek id-dritt li titlob lill-investigaturi biex iħalluk tikkuntattjahom.

#### **Nista' nara tabib jekk inkun neħtieġ wieħed?**

Iva, jekk inti għandek kwalunkwe problema ta' saħħa.

#### **Nista' nikkuntattja lill-Ambaxxata tiegħi jekk jiena minn pajjiż ieħor?**

Iva, inti għandek id-dritt li tagħmel dan.

#### **Jiena minn pajjiż ieħor. Bilfors irrid inkun preżenti waqt l-investigazzjoni?**

Inti ma intix obligat tagħmel dan, sakemm ma jintalabx li ssir perkwiżizzjoni fuq il-persuna tiegħek (*body search*).

#### **Nista' nieħu sehem b'konnessjoni bil-vidjo?**

L-investigazzjoni ta' reat permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għadha ma ġietx inkluda fil-liġi.

#### **Nista' nintbagħat lura fil-pajjiż tal-orijini tiegħi?**

F'din il-fażi inti ma tistax tiġi ddeportat.

#### **F'liema ċirkustanzi nista' ninżamm taħt arrest preventiv jew niġi lliberat?**

Inti tinżamm taħt arrest preventiv jekk il-Maġistrat Inkwirenti jaqbel mal-Prosekutur jew jekk jiġi ordnat mid-Diviżjoni tal-Akkuża. Inti tinżamm taħt arrest preventiv jekk ikun hemm indikazzjonijiet qawwija li inti wettaqt reati serji u:

m'għandek l-ebda indirizz magħruf fil-Greċja,

ħadt passi sabiex titlaq mill-pajjiż,

fl-imgħoddi kont maħrub mill-ġustizzja,

ġejt ikkundannat talli f'rabt mill-ħabs jew talli tajt assistenza lil persuna miżmuma taħt arrestbiex taħrab jew talli ksirt ir-restrizzjonijiet tal-post ta' residenza, kif ukoll jekk

hemm raġunijiet biex l-awtoritajiet jemmnu li biħsiebek taħrab,

jkollok kundanni preċedenti.

Jistgħu jiġu imposti wkoll kundizzjonijiet restrittivi fil-konfront tiegħek jew tista' tiġi lliberat.

#### **X'inhuma d-drittijiet u l-obbligi tiegħi?**

Inti għandek id-dritt li tingħata żmien sabiex tistudja l-fajl tal-qorti u li taħtar sa żewġ avukati. Jekk inti tinżamm taħt arrest preventiv inti tista' tressaq appell kontra din id-deċiżjoni tal-Maġistrat Inkwirenti fi żmien ħamest ijiem quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża. Inti tista' tressaq appell anki quddiem il-Maġistrat Inkwirenti stess jew quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża sabiex id-deċiżjoni li inti tinżamm taħt arrest preventiv tiġi revokata jew sostitwita b'kundizzjonijiet oħrajn li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment tiegħek.

#### **Nista' nitlaq mill-pajjiż waqt l-investigazzjoni?**

Iva, tista' tagħmel dan wara li jintemm il-perjodu tal-arrest tiegħek u sakemm ma tkun gjet imposta l-ebda kundizzjoni li tipprojbik titlaq mill-Greċja.

#### **Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA**

Għal iktar informazzjoni dwar id-drittijiet tiegħek, ara [Il-perkwizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA \(4\)](#).

#### **Nista' nappella?**

Jekk littiehdet azzjoni invalida bħala parti mill-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali inti tista' tressaq appell quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża fejn titlob li din tiġi annullata u li l-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali tiġi ripetuta.

#### **Nista' niddikjara li jiena ħati tal-akkużi kollha jew ta' wħud minnhom qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Inti għandek id-dritt li tammetti l-ħtija tiegħek u ma għandu jkun hemm l-ebda riperkussjoni pożittiva jew negattiva għalik fil-liġi bħala riżultat ta' dan.

#### **Il-kapi ta' akkuża jistgħu jinbidlu qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Il-kapi ta' akkuża ma jistgħux jinbidlu; jistgħu biss jiġu fformulati b'mod iktar preċiż. Ma jista' jiġi miżjud l-ebda kap ta' akkuża ġdid.

#### **Nista' niġi akkużat b'reat li diġà ġejt akkużat bih fi Stat Membru ieħor?**

Inti tista' tiġi akkużat jekk ir-reat twestaq f'pajjiż barrani kontra ċittadin Grieg. Fil-każ ta' delitti serji, il-liġijiet Griegi japplikaw għal kulħadd, irrispettivament mil-liġijiet fis-seħħ fil-post fejn twestaq id-delitt.

#### **Inkun mgħarraf ilema huma x-xhieda li għamlu dikjarazzjonijiet kontra tiegħi?**

Dażgur. Malli tiġi arrestat u tiġi sottomess għall-investigazzjoni preliminari jew għall-investigazzjoni prinċipali, inti trid tingħata din l-informazzjoni qabel ma tagħti r-rendikont tiegħek.

#### **Ningħata informazzjoni dwar provi oħrajn kontra tiegħi?**

L-investigatur għandu l-obbligi li jipprovdilek fotokopji tad-dokumenti kollha fil-fajl tal-qorti qabel ma inti tagħti r-rendikont tiegħek.

#### **Nintalab nagħti informazzjoni dwar il-kondotta tiegħi?**

Le. Din l-informazzjoni tintalab mid-dipartiment xieraq.

#### **Il-proċeduri quddiem id-Diviżjonijiet tal-Akkuża (3)**

##### **X'inhu l-iskop ta' din il-fażi?**

Id-Diviżjonijiet tal-Akkuża huma l-korpi ġudizzjarji kompetenti għall-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali. Huma jimmonitorjaw il-leġittimità tal-azzjonijiet meħuda mill-uffiċjali investigattivi, jiddeċiedu jekk il-konvenut għandux jinżamm taħt arrest preventiv jew le, jiddeċiedu jekk il-kundizzjonijiet li jirrestrinġu l-libertà ta' moviment għandhomx jiġu imposti jew le, jieħdu deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet sensitivi oħrajn li jaffettwaw il-proċeduri ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali u jiddeċiedu jekk il-konvenut għandux jittressaq quddiem il-qorti kriminali jew għandux jiġi lliberat.

##### **Min huwa responsabbli f'din il-fażi?**

Id-Diviżjonijiet tal-Akkuża jikkonsistu fi tlett imħallfin u huma d-Diviżjoni tal-Akkuża tal-Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanour Court*), id-Diviżjoni tal-Akkuża tal-Qorti tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Akkuża tal-Qorti tal-Kassazzjoni.

##### **Japplika xi limitu ta' żmien?**

Iva, hemm limiti ta' żmien u jekk inti ma tosservahomx ma tkunx tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek.

##### **X'se jingħad lili dwar dak li jkun għaddej?**

Inti tista' tikseb informazzjoni dwar il-progress tal-każ tiegħek mingħand is-Segretarjat tal-Kunsilli u tiġi debitament innotifikat bi kwalunkwe deċiżjoni.

##### **Jiġi pprovdut interpretu jekk jiena ma nitkellimx il-lingwa?**

Jekk inti tidher quddiem il-Kunsilli inti għandek id-dritt għal interpretu.

##### **F'ilema fażi nkun nista' nitkellem ma' avukat?**

Inti għandek id-dritt għal parir legali u tista' tikkomunika mal-konsulent legali tiegħek fi kwalunkwe fażi tal-proċeduri. Jekk tinqala' kwalunkwe kwistjoni dwar traduzzjoni, trid tiegħu ħsiebha inti jew l-avukat tiegħek.

##### **Bilfors irrid niġi rappreżentat minn avukat? Nista' nagħżel lill-avukat tiegħi?**

Dan mhuwiex mandatorju. Jekk inti tixtieq tkun rappreżentat, tista' jew tirrappreżenta lilek innifsek jew tkun irrappreżentat mill-avukat tiegħek. Inti għandek id-dritt li tagħżel lill-avukat tiegħek, sakemm l-avukat ma jkunx inħatar għalik.

Tista' ssirli xi xorta ta' talba għal informazzjoni? Irrid inwieġeb?

Inti tista' tintalab tagħti informazzjoni dwar id-delitt li inti ġejt akkużat li wettaqt. Inti għandek id-dritt li tibqa' sieket u li ma tinkriminax ruħek. Inti tista' tirrifjuta li twieġeb kwalunkwe mistoqsija li tista' tagħmel ħsara lill-każ tiegħek.

##### **Nista' nikkuntattja lil membru tal-familja jew lil xi ħabib?**

Iva, inti tista' tagħmel dan. Jekk inti qiegħed taħt arrest preventiv, tista' tagħmel dan waqt il-ħin taż-żjarat.

##### **Nista' nara tabib jekk inkun neħtieġ wieħed?**

Iva, jekk ikollok problemi ta' saħħa.

Nista' nikkuntattja lill-Ambaxxata tal-pajjiż tal-oriġini tiegħi jekk jiena minn pajjiż ieħor?

Iva, inti għandek id-dritt li tagħmel dan.

Jiena minn pajjiż ieħor. Bilfors irrid inkun preżenti waqt l-investigazzjoni?

Biss jekk inti titlob dan u jekk il-Qorti tagħti permess.

##### **Nista' nieħu sehem b'konnessjoni bil-vidjo, eċċ.?**

Il-proċeduri permezz ta' konnessjoni bil-vidjo għadhom ma ġewx inklużi fil-liġi.

##### **Nista' nintbagħat lura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħi?**

F'din il-fażi, inti ma tistax tiġi ddeportat..

### **Ninżamm taħt arrest preventiv jew niġi lliberat? F'liema ċirkustanzi?**

Inti tinżamm taħt arrest preventiv b'ordni tad-Diviżjoni tal-Akkuża. Jistgħu jiġu imposti anki kundizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment tiegħek jew tista' tiġi lliberat.

### **Nista' nitlaq mill-pajjiż waqt l-investigazzjoni?**

Iva, tista' titlaq wara li jintemm il-perjodu tal-arrest tiegħek u sakemm ma tkun ġiet imposta l-ebda kundizzjoni li tipprojbilek it-tluq mill-Greċja. Nintalab nipprovdni marki tas-swaba', kampjuni tal-materjal ġenetiku tiegħi (DNA) (eż. xagħar jew bżieq), jew fluwidi oħrajn tal-ġisem? Id-Diviżjoni tal-Akkuża tista' tagħti ordni f'dan is-sens.

### **Tista' ssir perkwiżizzjoni fuq il-persuna tiegħi (body search)?**

Mhux fuq ordni tal-Kunsill, imma din tista' ssir mill-investigaturi jew mill-uffiċjali tal-investigazzjoni preliminari. Fi kwalunkwe każ bħal dan, inti tista' titlob li l-avukat tiegħek ikun preżenti waqt il-perkwiżizzjoni.

### **Tista' ssir perkwiżizzjoni f'dari, fil-bini fejn huwa stabbilit in-negozju tiegħi, fil-karozza tiegħi eċċ.?**

F'dan l-istadju, fejn ikunu involuti l-Kunsilli, ma tista' tiġi ordnata l-ebda perkwiżizzjoni bħal din.

### **Nista' nappella?**

Hemm rimedji li inti tista' tuża biex tappella kontra d-deċiżjonijiet tal-Kunsilli.

### **Nista' niddikjara li jiena ħati tal-akkużi kollha jew ta' wħud minnhom qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Inti għandek id-dritt li tammetti l-ħtija tiegħek u tista' tagħmel dan billi tissottometti memorandum lill-Kunsilli. Dikjarazzjonijiet bħal dawn huma vinkolanti u jistgħu jaffettwaw is-sentenza tal-qorti.

### **Il-kapi ta' akkuża jistgħu jinbidlu qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Il-kapi ta' akkuża ma jistgħux jinbidlu; jistgħu biss jiġu speċifikati b'mod iktar preċiż mill-Kunsilli. Ma jista' jiġi miżjud l-ebda kap ta' akkuża ġdid.

Nista' niġi akkużat b'reat li diġà ġejt akkużat bih fi Stat Membru ieħor?

Inti tista' tiġi akkużat jekk ir-reat twettaq kontra ċittadin Grieg. Fil-każ ta' delitti serji, il-liġijiet Griegi japplikaw għal kulħadd, irrispettivament mil-liġijiet fis-seħħ fil-post fejn twettaq id-delitt.

Inkun mgħarraf dwar ix-xhieda li għamlu dikjarazzjonijiet kontra tiegħi?

Dażgur. Inti tista' tirċievi informazzjoni kemm matul din il-fażi kif ukoll qabel. Inti għandek id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar kwalunkwe dettall fil-fajl tal-qorti.

### **Tintalab informazzjoni dwar il-kondotta tiegħi?**

Le, l-informazzjoni tintalab mid-dipartiment rilevanti.

### **Il-perkwiżizzjonijiet, il-marki tas-swaba' u d-DNA (4)**

#### **Nintalab nipprovdni marki tas-swaba', kampjuni tal-materjal ġenetiku tiegħi (DNA) (eż. xagħar jew bżieq), jew fluwidi oħrajn tal-ġisem?**

Jekk tiġi arrestat, inti tintalab tipprovdni l-marki tas-swaba' tiegħek u inti obbligat li tagħmel dan. Huwa wkoll mandatorju li tipprovdni kampjun tad-DNA jekk ikun hemm indikazzjonijiet qawwija li inti wettaqt delitt serju. Fil-każ ta' riżultat pożittiv għat-test tad-DNA, inti għandek id-dritt li titlob li terġa' tiġi ttestjat; jekk dan ma jsirx, il-materjal ġenetiku meħud għandu jinqered.

### **Tista' ssir perkwiżizzjoni fuq il-persuna tiegħi (body search)?**

Jista' jkun li jkollok tgħaddi minn perkwiżizzjoni fuq il-persuna tiegħek jekk il-persuna li qed twettaq l-investigazzjoni tikkunsidra li dan ikun meħtieġ. Il-perkwiżizzjoni ma tridx toffendi d-dinjità tiegħek u trid issir f'post privat. Jekk inti mara, il-perkwiżizzjoni trid issir minn mara. Jekk inti tintalab tgħaddi ċertu oġġett jew dokument u inti tgħaddieh, inti ma għandekx tkun soġġett għal perkwiżizzjoni fuq il-persuna tiegħek.

### **Tista' ssir perkwiżizzjoni f'dari, fil-bini fejn huwa stabbilit in-negozju tiegħi, fil-karozza tiegħi eċċ.?**

Tista' ssir perkwiżizzjoni fid-dar tiegħek sakemm il-perkwiżizzjoni ssir minn uffiċjal tal-qorti u minn uffiċjal investigattiv fil-kuntest ta' investigazzjoni jew ta' investigazzjoni preliminari. Il-perkwiżizzjonijiet fil-karozzi jsiru jekk ikun hemm suspett qawwi li twettaq att kriminali jew jekk dan ikun assolutament meħtieġ. L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **3 - Id-drittijiet tiegħi fil-qorti**

### **Il-proċedura preliminari**

#### **Min javżani biex nattendi l-qorti u kif isir dan?**

L-Avukat tal-Prosekuzzjoni jikkompila l-att ta' akkuża, jiffissa d-data għall-proċess quddiem il-qorti kriminali u jibgħat ċitazzjoni lill-imputat, lill-kwerelant u lix-xhieda mill-inqas 15-il jum qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali, jew 30 jum jekk huma jgħixu f'pajjiżi Ewropej oħrajn.

#### **Il-proċedura waqt is-smiġh**

##### **Liema qorti se tisma' l-kawża tiegħi?**

Il-qorti kriminali prinċipali huma l-Qorti tal-Maġistrati għall-kontravvenzjonijiet, il-Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanour Court*) għad-delitti minuri (*misdemeanours*) u l-Qorti tal-Appell Kriminali bi tliet membri jew il-*Grand Jury* Imħallta għad-delitti gravi (*felonies*). Bħala kwistjoni ta' prinċipju, il-qorti kompetenti hija l-qorti lokali taż-żona fejn twettaq ir-reat.

#### **Il-proċess quddiem il-qorti kriminali jkun pubbliku?**

Iva, sakemm ma jstax ikun li l-pubbliċità ikollha effett avvers fuq il-morali pubbliċi jew ikun hemm raġunijiet biex tiġi protetta l-privatezza tal-partijiet fil-kawża.

#### **Min jiddeċiedi l-kawża?**

Id-deċiżjoni tittieħed mill-imħallfin fil-qorti inferjuri u minn taħlita ta' mħallfin u ta' ġurija fil-*Grand Juries* Imħalltin.

#### **Il-kapi ta' akkuża jistgħu jinbidlu waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Huwa possibbli li kap ta' akkuża jiġi emendat għal wieħed simili. Hija l-qorti biss li tiddeċiedi dwar x'inhi d-definizzjoni legali xierqa tal-fatti li jikkostitwixxu s-suġġett tal-kawża, jew dwar l-iktar speċifikazzjoni preċiża tagħhom.

#### **X'jiġi jekk niddikjara li jiena ħati ta' wħud mill-akkużi jew tal-akkużi kollha waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Jekk inti tiddikjara li inti ħati ta' ċerti akkużi, il-qorti tagħtik piena fuq il-bażi ta' dawk l-ammissjonijiet. Inti tista' tiġi ttrattat iktar bi ħniena meta tiġi imposta s-sentenza.

#### **X'inhuma d-drittijiet tiegħi waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

##### **Bilfors irrid inkun preżenti waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Ma hemmx għalfejn tkun preżenti. Inti tista' tiġi rappreżentat mill-avukat tiegħek, sakemm il-qorti ma tikkunsidrax li l-preżenza tiegħek tkun meħtieġa.

##### **Jekk ngħix fi Stat Membru ieħor, nista' nipparteċipa permezz ta' konnessjoni bil-vidjo?**

Inti ma tistax tagħmel dan għaliek dan il-metodu ta' parteċipazzjoni għadu mhux ipprovdut bil-liġi.

##### **Jiena nkun preżenti għall-proċess quddiem il-qorti kriminali kollu?**

Ma hemmx għalfejn. Inti tista' tidher u mbagħad titlaq u tkompli tkun irrappreżentat mill-avukat tiegħek.

#### **Ikolli interpretu għad-dispożizzjoni tiegħi jekk ma nifhimx dak li jkun għaddej?**

Jekk ma tifhimx il-lingwa tal-qorti, il-qorti hija obbligata li taħtar interpretu.

#### **Bilfors irid ikolli avukat? Ningħata avukat? Nista' nbiddel l-avukat tiegħi?**

Inti jrid ikollok avukat biss fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*) u meta tidher quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni. Jekk inti ma tistax taħtar wieħed, il-qorti hija obbligata taħtar wieħed għalik. Inti għandek id-dritt li tbidel l-avukat tiegħek sakemm ma jkunx inħatar fis-sede tal-qrati superjuri mill-qorti nfisha (*ex officio*).

#### **Nista' nindirizza lill-qorti? Bilfors irrid nitkellem waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Inti tista' titkellem, imma m'intix obligat. Inti għandek id-dritt li tibqa' sieket.

#### **Xi jkunu l-konsegwenzi jekk ma ngħidx il-verità waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Inti għandek id-dritt li ma tgħidx il-verità. Mhuwiex reat kriminali li imputat jagħti rendikont falz tiegħu nnifsu.

#### **X'inhuma d-drittijiet tiegħi fir-rigward tal-provi kontra tiegħi?**

##### **Nista' nimpunja l-provi kontra tiegħi?**

Inti tista' u għandek id-dritt li tagħmel dan waqt id-difiża tiegħek jew billi tixhed inti stess, jew billi tipproduċi provi kuntrarji jew billi ssejjaħ ix-xhieda tiegħek.

##### **X'tip ta' provi nista' nippreżenta quddiem il-qorti għad-difiża tiegħi?**

Inti tista' tipproduċi provi dokumentarji, xhieda mhux esperti u xhieda esperti.

##### **F'liema ċirkustanzi nista' nintroduċi provi bħal dawn?**

Ma hemm l-ebda prekundizzjoni; inti tista' tippreżenta provi lill-qorti mingħajr ma tkun innotifikajt lil ħadd.

##### **Nista' nqabbad investigatur privat biex jgħor il-provi għalija? Provi bħal dawn ikunu ammissibbli?**

Iva tista' u l-provi jkunu ammissibbli sakemm ikunu nkisbu b'mod leġittimu.

##### **Nista' nħarrek lil xhieda għad-difiża tiegħi?**

Inti tista' tressaq kemm-il xhud trid u l-qorti trid tippermetti li jiġu eżaminati numru massimu ta' xhieda tad-difiża daqskemm ikun hemm xhieda għall-prosekuzzjoni.

##### **Nista' jiena jew l-avukat tiegħi nagħmel mistoqsijiet lix-xhieda l-oħra fil-kawża tiegħi? Nista' jiena jew l-avukat tiegħi nimpunja dak li jgħidu?**

It-tnejn li intom tistgħu tagħmlu mistoqsijiet u tixħtu dubju fuq dak li jgħidu fix-xhieda tagħhom.

##### **Tiġi kkunsidrata l-informazzjoni dwar il-kondotta tiegħi?**

Il-kundanni li jinvolvu total ta' mhux iktar minn sitt xhur priġunerija jiġu kkunsidrati jekk jingħata verdett ta' ħtija u meta l-qorti tkun qed tiddeċiedi s-sentenza.

##### **Jiġu kkunsidrati kundanni preċedenti fi Stat Membru ieħor?**

Dawn jiġu kkunsidrati biss jekk tniżżlu fil-kondotta tiegħek.

##### **X'jiġri fi tmiem il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

##### **X'inhuma l-eżiti possibbli tal-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Il-liberazzjoni mill-akkużi tal-konvenut, meta l-qorti ma tkunx konvinta jew ikollha dubju dwar jekk ikunx wettaq id-delitt, jew għal raġunijiet legali oħrajn, u meta jkun hemm raġunijiet sabieħ tkun evitata l-piena (eż. fil-każ ta' rimors ġenwin).

Il-kundanna tal-imputat u l-impożizzjoni ta' sentenza, meta l-qorti tkun konvinta li l-konvenut wettaq id-delitt.

Il-waqfien tal-proċeduri kriminali fil-każ li l-konvenut imut, il-vittma tirtira l-akkuża, id-delitt jaqa' taħt preskrizzjoni minħabba limiti ta' żmien jew ir-reat innifsu jkun soġġett għal amnestija.

Id-dikjarazzjoni li l-prosekuzzjoni kriminali hija inammissibbli, meta jkun hemm deċiżjoni rilevanti preċedenti, meta ma jkun hemm l-ebda akkuża (jekk dan ikun mitlub), talba jew awtorizzazzjoni għal prosekuzzjoni.

##### **Sommarju tas-sentenzi li jistgħu jingħataw**

**Il-pieni prinċipali:** Priġunerija (għal għomor il-konvenut jew għal perjodu ta' 5-20 sena), għeluq f'istituzzjoni, speċjalment ħabs (10 ijiem-5 snin), taħt arrest (jum - xahar), piena finanzjarja (EUR 150-EUR 15 000), multa (EUR 29-EUR 590), għeluq f'ċentru ta' detenzjoni għal minorenni jew għeluq f'istituzzjoni ta' saħħa mentali.

**Il-pieni supplimentari:** il-privazzjoni tad-drittijiet ċivili, il-projbizzjoni tal-eżerċizzju ta' professjoni, il-pubblikazzjoni tal-kundanna.

**Il-miżuri ta' sigurtà:** Iż-żamma taħt arrest ta' kriminali meqjusa li mhumiex responsabbli mil-lat kriminali, il-bgħit ta' persuni dipendenti fuq l-alkoħol u fuq id-droga f'ċentri ta' detossifikazzjoni, ir-referenza f'ċentri ta' ħidma, il-projbizzjoni tar-residenza f'żona partikolari, id-deportazzjoni taċ-ċittadini barrani u l-konfiska tal-assi.

##### **X'inhu r-rwol tal-vittma waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali?**

Il-vittma tipparteċipa bħala parti fil-kawża jew bħala xhud. Bħala parti fil-kawża (jew "rikorrent ċivili li jressaq provi kuntrarji"), il-vittma tipparteċipa sabieħ titlob kumpens fil-forma ta' rimedju finanzjarju għal danni emozzjonali jew għal tbatija mentali, jew bħala xhud, il-vittma tipparteċipa biex issaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni.

Jekk il-vittma tipparteċipa bħala rikorrent ċivili, hija trid tiddikjara dan qabel ma tintalab tagħti x-xhieda tagħha.

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieħ tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **4 - Id-drittijiet tiegħi wara li l-qorti tkun ħadet id-deċiżjoni tagħha**

##### **Nista' nappella kontra d-deċiżjoni u/jew is-sentenza?**

Inti tista' tressaq appell kontra l-kundanna. Id-dritt ta' appell jiddependi mit-tip u mis-severità tas-sentenza, kif ukoll minn liema qorti tkun tat is-sentenza.

Pereżempju:

fil-każ ta' Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanour Court*) b'membri wieħed, inti għandek dritt ta' appell jekk is-sentenza tikkonsisti f'perjodu ta' priġunerija ta' iktar minn 60 jum jew piena finanzjarja ta' iktar minn EUR 1 000;

fil-każ ta' Qorti tad-Delitti Minuri (*Misdemeanour Court*) bi tliet membri u tal-qorti li tisma' l-appelli kontra d-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar, inti għandek dritt ta' appell jekk tingħata sentenza ta' priġunerija ta' iktar minn erba' xhur jew piena finanzjarja ta' iktar minn EUR 1 500;

fil-każ ta' *Grand Jury* Imħallat jew tal-Qorti bi tliet membri li tisma' l-appelli kontra s-sentenzi għad-delitti gravi (*felonies*), inti għandek dritt ta' appell jekk is-sentenza tikkonsisti f'perjodu ta' priġunerija ta' iktar minn sentejn fil-każ ta' delitti gravi (*felonies*), jew ta' iktar minn sena għad-delitti minuri (*misdemeanours*). Inti tista' tappella minn liberazzjoni mill-akkużi biss jekk inti ġejt il-liberat mill-akkużi minħabba raġunijiet ta' rimors ġenwin jew ġejt iġġustifikat fuq il-bażi ta' raġunijiet li jirriflettu r-reputazzjoni tajba tiegħek.

##### **Kif nappella?**

Sabiex tressaq appell inti trid tikkompila Dikjarazzjoni ta' Appell u tissottomettiha lir-Reġistru tal-Qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni, biex tinkludi r-raġunijiet tal-appell, l-indirizz ta' fejn toqgħod u l-isem tal-avukat tiegħek.

Il-limitu ta' żmien biex tressaq appell huwa ta' għaxart ijiem minn meta tkun ittiegħet id-deċiżjoni tal-qorti jew minn meta tkun ġiet innotifikata jekk il-proċess quddiem il-qorti kriminali sar fl-assenza tiegħek. Madankollu, jekk inti tgħix barra mill-pajjiż u nġatad sentenza f'kontumacia jew il-post ta' residenza tiegħek ma kienx magħruf, l-iskadenza tiġi estiża għal 30 jum mid-data tan-notifika tad-dokumenti.

#### **X'inhum r-raġunijiet għall-appell?**

Appell jista' jkun ibbażat jew fuq il-fatti tal-każ jew fuq kif ġiet interpretata l-liġi.

#### **X'jiġri jekk inressaq appell?**

Isir proċess mill-ġdid li jinstema' mill-qorti tat-tieni istanza.

#### **X'jiġri jekk jiena nkun il-ħabs meta nressaq l-appell?**

L-appell jiġi mgħoddi lill-uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, tiġi f'fissata data għall-proċess quddiem il-qorti tal-appell u inti tiġi mħarrek biex tidher quddiem il-Qorti. Inti tista' titlob li l-infurzar tal-piena jiġi sospiż sakemm jinstema' l-appell, bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet legali.

#### **Kemm irid jgħaddi żmien qabel ma jinstema' l-appell?**

Ġeneralment bejn sena u tliet snin, jiddependi mir-reat, mill-post fejn tinsab il-qorti u jekk l-imputat jinżammx taħt arrest preventiv jew le.

#### **Nista' nippreżenta provi ġodda għall-appell?**

Iva, inti tista' tippreżenta provi ġodda quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-proċedura hija l-istess waħda bħal dik tal-proċess oriġinali quddiem il-qorti kriminali. L-imħallfin li jkun semgħu l-kawża fil-qorti tal-prim'istanza ma jistgħux jisimgħu l-kawża fil-qorti tat-tieni istanza. Jiġi eżaminat jekk l-appell ġiex ippreżentat b' mod xieraq u fl-iskadenza speċifikata.

#### **X'jiġri waqt is-smiġħ tal-appell?**

Jekk inti ma tidhirx, jew personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħek, l-appell tiegħek jiġi miċħud u tiġi sostnuta s-sentenza tal-qorti inferjuri. Jekk inti tidher, jew personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħek, il-kawża terġa' tinstema mill-qorti tal-appell u inti tkun tista' tippreżenta provi ġodda.

#### **X'tista' tiddeċiedi l-qorti?**

Il-Qorti tal-Appell ma għandha l-ebda setgħa li timponi sentenza iktar iebes minn dik li imponiet il-qorti inferjuri. Madankollu, hija tista' teħilsek mill-akkużi jew tnaqqas is-sentenza jew timponi l-istess sentenza li ġiet imposta mill-qorti inferjuri.

#### **X'jiġri jekk l-appell jimexxi/ma jimexxi?**

Jekk ir-raġunijiet tal-appell jiġu sostnuti, il-Qorti tal-Appell tista' teħilsek mill-akkużi jew tnaqqas is-sentenza tiegħek; jekk dan ma jseħħ, tibqa' fis-seħħ id-deċiżjoni tal-qorti tal-prim'istanza.

#### **Hemm dritt ta' appell ulterjuri quddiem qorti oħra jew quddiem qorti superjuri?**

Le, l-unika ħaġa li tista' tiġri huwa l-annullament tas-sentenza tal-qorti tat-tieni istanza jekk kien hemm irregolaritajiet legali.

#### **Jekk jirriżulta li d-deċiżjoni inizjali kienet żbaljata, ikoll dritt għal kumpens?**

Ma teżisti l-ebda dispożizzjoni li tipprovi li jingħata kumpens fir-rigward ta' kundanna inġusta (għaliex ibbażata fuq provi foloz jew insuffiċjenti) minn qorti tal-prim'istanza, sakemm ma tkunx qattajt xi żmien il-ħabs u mbagħad tinħeles minn kull akkuża fl-appell.

#### **Jekk l-appell tiegħi jimexxi, jinżamm reġistru tal-kundanna tiegħi?**

Tinżamm biss is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Is-sentenza preċedenti titħassar.

#### **Meta ssir finali l-kundanna?**

Kundanna ssir definittiva jekk ma jitressaq l-ebda appell fuq punti ta' liġi kontra d-deċiżjoni tal-qorti tat-tieni istanza jew jekk ikun tressaq appell imma ġie miċħud mill-Qorti tal-Kassazzjoni Suprema (l-*Areios Pagos*).

Jiena minn Stat Membru ieħor. Nista' nintbagħat lura hemmhekk wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali?

Inti tista' tintbagħat lura fil-pajjiż tiegħek jekk il-qorti tordna d-deportazzjoni tiegħek. Sabiex inti tiġi ddeportat, trid tingħata sentenza ta' mill-inqas tliet xhur prinġunerija, jew l-ordni tad-deportazzjoni trid tkun saret bħala parti minn piena supplimentari, jew iridu jkun għew imposti miżuri ta' sigurtà. B'mod partikolari, f'każijiet ta' kundanni għal delitti gravi (*felonies*) relatati mad-drogi, id-deportazzjoni hija mandatorja u tibqa' valida tul għomor il-ħati.

#### **Id-deportazzjoni ssir mill-ewwel?**

Le, l-ewwel trid tiskonta s-sentenza tiegħek. Bħala miżura eċċezzjonali, jekk inti ngħatajt sentenza sa ħames snin ħabs u saret ordni għad-deportazzjoni tiegħek, il-qorti tista' tiddeċiedi li tissospendi s-sentenza tiegħek u tippermetti li inti tiġi ddeportata immedjatament.

Id-deportazzjoni trid tiġi ordnata bħala parti minn sentenza tal-qorti fejn is-sentenza ma tkunx ġiet sospiża u tkun ġiet innotifikata.

Inti tista' tressaq appell jekk l-ordni tkun ħarġet minn qorti tal-prim'istanza u s-sentenza tinkludi wkoll perjodu ta' priġunerija li inti jkollok dritt li tappella kontra tiegħu. L-appell irid jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-prim'istanza.

#### **Nista' nittella' l-qorti fi Stat Membru ieħor għall-istess reat?**

Jiddependi mil-leġiżlazzjoni tal-Istat inkwistjoni.

#### **L-informazzjoni dwar il-kapi ta' akkuża u/jew il-kundanni li jaffettwawni tiġi mniżżla fil-kondotta tiegħi?**

Id-deċiżjoni li inti tiġi kkundannat titniżel fil-kondotta biss jekk din tkun irriversibbli. Din l-informazzjoni titniżel uffiċjalment fl-Uffiċċju tal-Kondotti.

Il-kondotta tiegħek tinqered:

wara li tmūt jew wara li tagħlaq 80 sena;

jekk inti tiġi kkundannat u s-sentenza tiġi sospiża, din tinqered ħames snin wara li jintemm il-perjodu tas-sospensjoni, sakemm sadanittant is-sentenza ma tkunx ġiet annullata jew irrevokata;

meta jkun għaddew għaxar snin minn meta tkun skontajt sa xahar priġunerija għal reat premeditat jew xahrejn għal reat li kien jinvolvi negliġenza kriminali, sakemm sadanittant inti ma tkunx ġejt ikkundannat għal delitti oħrajn.

Il-kunsens tiegħek mhuwiex meħtieġ biex tinżamm din l-informazzjoni.

Jekk ikun hemm xi tilwima, inti tista' titlob lill-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tad-Delitti Minuri (*Court of Misdemeanours*) għal deċiżjoni. Imbagħad tista' tressaq appell kontra din id-deċiżjoni quddiem id-Diviżjoni tal-Akkuża tad-Delitti Minuri (*Misdemeanour Indictment Division*) fi żmien xahar minn meta tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **5 - Ir-reati minuri tat-traffiku fit-triq**

**Kif jiġu ttrattati r-reati minuri tat-traffiku fit-triq?**



Fil-parti l-kbira, il-ksur tar-regoli tat-traffiku, bħal sewqan li jaqbeż il-limitu tal-veloċità, sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sigurezza, nuqqas ta' osservanza ta' dawl tat-traffiku aħmar jew ta' sinjal ta' waqfien (STOP), nuqqas ta' konformità ma' regolamenti dwar waqfien jew parking, l-użu ta' telefon ċellulari waqt is-sewqan, eċċ. jiġi ttrattat amministrattivament. Huwa jiġi ġeneralment ittrattat mill-awtorità kompetenti tal-pulizija.

#### **X'inhi l-proċedura?**

Inti tingħata ċitazzjoni, li tikkonferma l-ksur li wettaqt. Fuq iċ-ċitazzjoni jkun hemm imniżżel il-miżura amministrattiva u/jew il-piena finanzjarja li tkun ġiet imposta u mbagħad ikollok tidher quddiem l-awtorità tal-pulizija rilevanti.

#### **X'inhuma l-pieni possibbli?**

Il-pieni għal dawk li jinsabu f'ħatja ta' ksur tar-regoli tat-traffiku fil-parti l-kbira huma multi amministrattivi (li jvarjaw minn EUR 40 sa EUR 20 000) minbarra l-impożizzjoni ta' miżuri amministrattivi oħrajn, bħat-teħid tal-liċenzja tas-sewqan jew id-dettalji taċ-ċirkolazzjoni, bħal-liċenzja tal-vettura u l-pjanċi ta' reġistrazzjoni, għal ċertu perjodu ta' żmien. Għandu jiġi nnotat li l-pieni finanzjarji jitnaqqsu b'50 % jekk jitħallsu fi żmien għaxart ijiem.

#### **Jinbdew proċeduri kontra ċittadini ta' Stati Membri oħrajn għal ksur bħal dan?**

Jinbdew proċeduri kontra tagħhom jekk ikunu wettqu l-ksur fil-Greċja.

#### **Nista' noġġezzjona?**

Inti tista' tissottometti l-oġġezzjonijiet tiegħek għall-piena amministrattiva fi żmien tlett ijiem lill-awtorità li tagħha jkun membru l-uffiċjal li jkun impona l-piena. Jekk l-oġġezzjonijiet tiegħek ma jintlaqgħux, inti trid tħallas is-somma rilevanti lill-korp xieraq tal-awtorità lokali.

Barra minn hekk, jekk tkun ġiet imposta miżura amministrattiva, inti tista' tidher quddiem l-Awtorità tal-Pulizija kompetenti u tiddikjara l-oġġezzjonijiet tiegħek.

#### **Dawn ir-reati jitniżżlu fil-kondotta tiegħi?**

Dawn ir-reati ma jintiżżlux fil-kondotta tiegħek peress li jiġu ttrattati fuq il-livell amministrattiv u tkun qed tiġi imposta piena amministrattiva biss.

#### **Links relatati**

 [Ministeru tal-Infrastruttura, tat-Trasport u tan-Netwerks](#)

L-aħħar aġġornament: 25/06/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.